**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 31 ta’ Jannar, 2023**

**Rikors Numru 69/2021**

**Raymond Mifsud**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta’ **Raymond Mifsud** ippreżentat fil-15 ta’ Lulju, 2021, li permezz tiegħu ppremetta s-segwenti:-

*Illi l-esponent applika sabiex tingħatalu liċenzja ta’sparatur bil-mira A u B taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta’ Malta.*

*Illi b’ittra mingħajr data, iżda bit-timbru datat 2 ta’ Lulju, 2021, li l-esponent irċieva fid-9 ta’ Lulju, 2021, il-Kummissarju tal-Pulizija informa lill-esponenti li l-applikazzjoni tiegħu ġiet rifjutata u dan fl-interess tal-ordni pubbliku a tenur tal-Artikolu 25(1) tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta’ Malta.*

*Illi r-raġunijiet mogħtija mill-Kummissarju tal-Pulizija huma, fl-ewwel lok, ġeneriċi u mingħajr ma jagħtu spjega suffiċjenti, bi ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali u tal-prinċipji ta’ mġieba amministrattiva tajba.*

*Illi f’kull każ, ir-raġunijiet mogħtija mill-Kummissarju tal-Pulizija huma infondati fil-fatt u fid-dritt u f’kull każ, sproporzjonati u dan kid ser jirriżulta aħjar fil-kors ta’ din il-proċedura.*

*Illi inoltre, id-diskrezzjoni eżerċitat mill-Kummissarju tal-Pulizija jmur kontra l-prinċipji legali u d-duttrina dwar l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni li biha huwa vestit il-Kummissarju tal-Pulizija taħt il-Kap. 480 tal-Liġijiet ta’ Malta.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija u dawk kollha li jirriżultaw fil-kors tat-trattazzjoni ta’ din il-proċedura, l-esponent jitlob bir-rispett li dan it-Tribunal jogħġbu:*

i. *Iħassar u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija mingħajr data, iżda bit-timbru datat 2 ta' Lulju, 2021, li permezz tagħha rrifjuta l-applikazzjoni tal-esponent sabiex jingħata liċenzja ta' sparatur bil-mira A u B.*

ii. *Konsegwentement, jordna lill-istess Kummissarju tal-Pulizija sabiex, fi żmien qasir u perentorju li jista' jiġi lilu prefiss minn dan it-Tribunal, japprova l-applikazzjoni tal-esponent għall-ħruġ tal-liċenzja hawn imsemmija, u/jew jagħti lill-esponent l-istess liċenzja ai termini tal-liġi.*

Ra r-risposta tal-**Kummissarju tal-Pulizija** ippreżentata fit-22 ta' Lulju, 2021, li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:-

1. *Illi l-esponent jeċepixxi illi d-deċiżjoni tal-esponent kif mfissra fl-ittra tat-2 ta' Lulju 2021 hija bbażata fuq liġijiet viġenti u fuq kunsiderazzjonijiet fondati u rilevanti;*

2. *Illi l-esponent jirrileva illi l-ittra ossia deċiżjoni tat-2 ta' Lulju 2021 tispjega iswed fuq abjad ir-raġunijiet li wasslu għad-deċiżjoni kif ukoll l-artikolu tal-liġi kif rifless fil-kap. 480 tal-liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant l-esponent jeċepixxi illi huwa żamm ferm mal-prinċipji tal-ġustizzja naturali u tal-prinċipji ta' mġieba amministrattiva tajba;*

3. *Illi d-deċiżjoni li ttieħdet fl-ittra tat-2 ta' Lulju hija waħda bbażata fuq l-artikolu 25(1) tal-att dwar l-armi (kap.480) illi tagħti lill-Kummissarju diskrezzjoni illi tirrifjuta applikazzjoni fl-interess tal-ordni pubbliku. Illi l-istess Kummissarju u/jew rappreżentant tiegħu wara li ra l-fedina penali, kondotta u sentenzi kriminali fil-konfront tal-attur ħass illi illi huwa fl-interess tal-ordni pubbliku illi ma tingħatax il-liċenza ta' sparatur bil-Mira A u B lill-attur;*

4. *Illi bil-ħniena jingħad illi l-fedina penali tal-attur hija waħda kkulurita għall-aħħar. Fil-fatt hemm erbatax (14) il-conviction bejn is-snin 1983 u l-2010 kif wkoll notamenti/insertions oħra li jibqgħu għaddejin sas-sena 2018. Illi dan kollu jista' jixhed dwaru taħt ġurament l-intimat (kopja awtentika tal-Fedina penali qegħda tiġi annessa u mmarkata bħala Dok '**COP1**');*

5. *Illi l-attur għandu fil-konfront tiegħu diversi sentenzi kriminali li għaddew in ġudikat u li għalhekk ma jistgħux jiġu mibdula. Dan ġie mfisser fl-ittra tat-2 ta' Lulju 2021;*

6. *Illi jirriżulta illi l-Kummissarju wettaq id-diskrezzjoni tiegħu b'mod ġiust u proporzjonat;*

7. *Illi għaldaqstant l-aġir tal-esponent kien wieħed leġittimu, magħmul abbażi tal-Liġi viġenti.*

8. *Illi l-premessi u talbiet mfissrin fir-rikors in risposta huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti;*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tal-attur fl-interita` tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess attur.*

Sema' x-xhieda mressqa mill-partijiet;

Ra l-affidavit tar-rikorrent;

Sema' t-trattazzjoni;

Ra li l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**IKKUNSIDRA:**

Illi r-rikorrenti ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Kummissarju intimat datata 2 ta' Lulju, 2021, li rrifjuta l-applikazzjoni tiegħu għal liċenzja ta' sparatur bil-mira A u B taħt id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-raġuni mogħtija għar-rifjut kienet li ai termini tal-Artikolu 25 (1) tal-imsemmi Kapitolu, ma kienx fl-interess tal-ordni pubbliku li tinħareġ tali liċenzja u dan in vista li r-rikorrent instab ħati ta' diversi reati.

**L-Ispettur Therese Sciberras** xehdet li hija stazzjonata l-*Weapons Office*, liema uffiċju jipproċessa l-liċenzji in kwistjoni. Spjegat illi l-liċenzji li applika għalihom ir-rikorrent jagħtu d-dritt lil min ikollu tali liċenzji li jżomm ammont konsiderevoli ta' armi u wkoll ammont kbir ta' munizzjon. Spjegat li bħala parti mill-*vetting* isiru verifiki mal-fedina penali tal-applikant, mil-liema instab li r-rikorrent instab ħati ta' diversi reati fosthom ksur tal-paċi pubblika, theddid, inġurji, feriti ħfief u theddid fuq uffiċjal pubbliku. Xehdet li dawn ir-reati huma relatati mal-ordni pubbliku u vjolenza kontra l-proprjeta` u persuni. Barra minn hekk, fl-2014 kien hemm ukoll rapport ta' inġurji u theddid fid-distrett ta' Tas-Sliema, fl-2019 kien hemm rapport ta' feriti wkoll fl-istess distrett fejn sussegwentement sar ftehim bejn il-partijiet u twaqqgħu l-akkużi, u fl-2019 ukoll kien sar rapport ta' inġurji u theddid ġewwa d-distrett ta' Ħal-Qormi fejn sussegwentement il-partijiet irrinunzjaw għall-akkużi fil-konfront ta' xulxin. Tispjega li meta wieħed jara l-fedina penali tar-rikorrent jinduna li bejn l-1983 u l-2005 kien hemm perjodu fejn jidher li kellu problema jikkontrolla lilu nnifsu u r-rapporti li saru fis-snin riċenti jindikaw li din il-problema għadha tippersisti.

**Ir-rikorrent** xehed illi huwa kien fetaħ *tourist booking Office* ġewwa Tas-Sliema fejn biswitu kien hemm *booking Office* ieħor ta' ċertu familja Zammit. Spjega li mill-mument li l-familja Zammit rawh jarma n-negozju tiegħu, raw x'għamlu biex jagħmlulu l-bsaten fir-roti għaliex kien qed joffrilhom kompetizzjoni u b'hekk spiċċa b'kawżi kriminali fil-konfront tiegħu. Illi r-rikorrent esebixxa wkoll sentenza li l-familja Zammit, u iktar preċiż ċertu Anthony Zammit, għamlet kontra kompetitur ieħor u wkoll affidavit ta' diversi persuni barranin dwar kif membri tal-istess familja Zammit kienu allegatament jippruvaw joħdulu l-klijenti.

In kontro-eżami r-rikorrent wieġeb illi r-reati li tagħhom instab ħati matul is-snin ma kinux jirrelataw kollha mal-familja Zammit.

Ir-rikorrenti ressaq lil Fr. Daniel Cardona, lil Alfred Grixti, u lil Dr. Malcolm Paul Agius Galea bħala xhieda dwar il-karattru tiegħu.

**Fr. Daniel Cardona** stqarr illi kien ilu midħla tal-Parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ 'il fuq minn għoxrin sena fejn kien ilu jaf lir-rikorrent għal xi ħmistax-il sena. Ix-xhud iddeskriva lir-rikorrent bħala ta' karattru affabbli, bieżel, disponibbli, sinċier u tal-affari tiegħu u li qatt ma ra għemil ħażin min-naħa tiegħu. In kontro-eżami, ix-xhud wieġeb li huwa ma kienx jaf il-kontenut tal-fedina penali tar-rikorrenti.

Illi r-rikorrent ipproduċa wkoll bħala xhud lil **Alfred Grixti**, eks Sindku ta' Ħaż-Żebbuġ, li stqarr li l-Kunsill Lokali kien ġieli uża s-servizzi ta' trasport li kien joffri r-rikorrent. Ix-xhud stqarr li qatt ma sema' xi affarijiet negattivi fuq ir-rikorrent u għalih huwa affidabbli. In kontro-eżami wieġeb illi huwa ma kellux konoxxenza ta' xi reati li seta' wettaq ir-rikorrent.

**Dr. Malcolm Paul Agius Galea** xehed illi huwa eks Sindku ta' Ħaż-Żebbuġ u tabib tal-familja u lir-rikorrent jafu bħala t-tabib kuranti tal-familja tiegħu. Stqarr li però maż-żmien stabbilixxa relazzjoni iktar fil-fond u ġieli ħa pariri mingħandu fil-mixja politika tiegħu. Spjega li r-rikorrent kien involut f'diversi organizzazzjonijiet ġo Ħaż-Żebbuġ u li huwa stmat minn ħafna nies. Huwa stqarr li r-rikorrent dejjem għenu u tah pariri tajbin f'ċerti sitwazzjonijiet li kien jiġi rinfaċċjat bihom.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent iressaq bħala l-ewwel aggravju tiegħu illi r-raġunijiet mogħtija mill-Kummissarju intimat huma ġeneriċi u ma jagħtux spjegazzjoni suffiċjenti u dan bi ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali u tal-prinċipji ta' mġieba amministrattiva tajba.

Illi r-raġuni mogħtija mill-Kummissarju intimat kienet tgħid testwalment hekk: ***"Għandi ninfurmak li l-applikazzjoni tiegħek qed tiġi rifjutata fl-interess tal-ordni pubbliku ai termini tal-Artikolu 25 (1) tal-Att dwar l-Armi, Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan qed isir wara li ġiet ikkunsidrata l-fedina penali tiegħek fejn ġejt misjub ħati ta' diversi reati varji mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jiġu mibdula."***

Illi filwaqt li r-raġuni hija biss ta' ftit kelmiet, dan it-Tribunal iqis li din tlaħħaq it-tragward tal-obbligu tal-għoti ta' raġunijiet għal deċiżjoni amministrattiva. Illi l-Kummissarju intimat għamel referenza għall-fedina penali tar-rikorrent. Ċertament ir-rikorrent jaf x'fiha l-fedina penali tiegħu u dana għaliex huwa kien preżenti għal kull proċess kriminali li kien hemm fil-konfront tiegħu. L-Ispettur Sciberras, meta xehdet f'dawn il-proċeduri, irriferiet għal numru ta' sentenzi li kellhom piż iktar minn oħrajn meta ġiet biex tittieħed id-deċiżjoni. It-Tribunal però huwa tal-fehma illi tkun prassi tajba jekk il-Kummissarju intimat jelenka l-mertu tas-sentenzi li jkun ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuqhom f'deċiżjonijiet futuri, u dan mhux tant għaliex l-applikant ma jkunx jaf bihom, imma stante li xi kultant ikun għadda ftit taż-żmien mhux ħażin, ikun tajjeb li wieħed ikun jaf eżattament abbażi ta' liema reati tkun ittieħdet id-deċiżjoni ta' rifjut. Madanakollu dan it-Tribunal ma jsibx illi d-deċiżjoni appellata tippekka b'mod li tista' tiġi dikjarata nulla.

Illi sorvolata din il-materja, it-Tribunal se jinvesti l-aggravju l-ieħor imqajjem mir-rikorrent, u ċioe`, li l-Kummissarju intimat wasal għad-deċiżjoni appellata unikament billi strah fuq il-fedina penali tar-rikorrent. Ir-rikorrent jisħaq illi l-Kummissarju intimat kellu jmur oltre minn hekk u jagħmel evalwazzjoni vera u proprja tal-karattru tar-rikorrent u dan kif anke ġie suġġerit minn dan it-Tribunal f'diversi sentenzi li ppronunzja dwar il-materja meta l-Kummissarju intimat jiġi biex jiddeċiedi jagħtix jew le liċenzja ta' gwardjan privat.

Min-naħa l-oħra l-Kummissarju intimat saħaq illi hawn non si tratta ta' liċenzja ta' gwardjan privat imma liċenzja biex ir-rikorrent jikseb awtorizzazzjoni jżomm fil-pussess tiegħu armi u munizzjon. Id-difensur tal-Kummissarju intimat saħaq illi l-fedina penali tar-rikorrent turi li l-istess rikorrenti kemm-il darba wettaq reati li jolqtu s-sigurta` pubblika.

Illi t-Tribunal fela l-fedina penali tar-rikorrent u dana stante li din kienet il-bażi tar-rifjut tal-Kummissarju intimat, minn liema fedina jirriżulta li r-rikorrent instab ħati ta' diversi reati minn meta kellu tmintax-il sena. Ir-reati li tagħhom instab ħati huma varji, fosthom:

i. Ksur tal-paċi pubblika;
ii. Feriti ħfief fuq 4 persuni f'ħames inċidenti separati;
iii. Numru ta' reati minuri relatati mal-attivita` kummerċjali tiegħu;
iv. Theddid fuq uffiċjal pubbliku;
v. Diversi reati in konnessjoni mal-obbligu tar-rikorrent li jħallas il-VAT;
vi. Ingaġġ ta' ħaddiem mingħajr id-debita reġistrazzjoni mal-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ;
vii. Sewqan ta' vettura mingħajr liċenzja.

Illi l-aħħar reat imwettaq mir-rikorrent kien ċirka sitt snin ilu. Pero` minn dak li xehdet l-Ispettur Sciberras kien hemm żewġ rapporti fl-2019 fejn f'każ minnhom ġie rrapurat li r-rikorrent ikkawża feriti ħfief fuq terz, però l-partijiet irrinunzjaw reċiprokament għal kwalunkwe kwerela stante li ttransiġew il-pendenza bejniethom, mentri fil-każ l-ieħor ir-rikorrent ġie akkużat b'inġurji u theddid però l-kwerelant irrinunzja għall-azzjoni kriminali.

Illi għalhekk l-eżerċizzju li jrid jagħmel dan it-Tribunal huwa li jissindika jekk il-Kummissarju intimat, rinfaċċjat b'dan il-kwadru, wasalx għal deċiżjoni raġjonevoli fiċ-ċirkostanzi jew le.

Illi t-Tribunal jirrileva illi huwa dmir tal-Istat li jissalvagwardja l-ordni pubbliku u biex jagħmel dan jista' jillimita xi drittijiet tal-individwu, jekk l-eżerċizzju tal-istess drittijiet ipoġġu f'riskju reali u konkret id-disturb tal-istess ordni. Fil-każ ta' l-użu u ż-żamma tal-armi, l-Istat afda f'idejn il-Kummissarju intimat id-diskrezzjoni totali dwar l-għoti tal-liċenzji għal dan l-iskop.

Illi mingħajr tlaqliq dan it-Tribunal jirrileva illi l-fedina penali tar-rikorrent hija waħda pjuttost kulurita. Pero` dan it-Tribunal mhux ħa jillimita ruħu għall-kwantita` ta' sentenzi li ngħataw fil-konfront tiegħu, għaliex iktar minn kollox irid jevalwa l-mertu tal-istess sentenzi.

Illi l-fedina penali tar-rikorrent turi li r-rikorrent kien involut f'iktar minn okkażjoni waħda f'inċidenti fejn ikkawża feriti ħfief fuq terzi. Illi għalkemm f'uħud minn dawn l-episodji r-rikorrent jgħid li kien hemm element ta' provokazzjoni da parti tal-istess terzi, il-fatt jibqa' li l-feriti ġew inflitti fuq it-terzi. Lanqas dan it-Tribunal ma jista' jinjora t-theddid fuq infermiera fl-2002.

Illi filwaqt li t-Tribunal jifhem illi r-reati elenkati iktar 'il fuq ġew imwettqa numru ta snin ilu, ċertament ma jistax jinjorahom għaliex ipinġu stampa kemmxejn imwiegħra tal-karattru tar-rikorrent. Għalkemm ir-rikorrent ipproduċa xhieda li tawh affidabilita`, ħadd minnhom ma kien konxju tal-istorja li turi l-fedina penali tiegħu. Filwaqt li dan it-Tribunal japprezza illi r-rikorrent jista' jkun li għandu l-karattru deskritt mix-xhieda prodotti minnu, madanakollu fejn jidħlu liċenzji ta' armi tan-nar irid ikun kawt ħafna għaliex hawn si tratta dwar is-sigurta` ta' terzi. Kwindi, meta l-Kummissarju tal-Pulizija jiġi biex iwieżen l-interessi tal-applikant li jottjeni l-liċenzja *de quo* versu l-interessi tas-sigurta` tat-terzi huwa raġjonevoli li jiżen sew dak li turi l-fedina penali tiegħu. Sfortuntament il-fedina penali tar-rikorrent timmilita kontra tiegħu u bħall-Kummissarju intimat, dan it-Tribunal, huwa tal-fehma illi tenut kont tal-preċedenti penali tiegħu, ir-rikorrent m'għandux jingħata l-liċenzji mitluba. Kuntrarjament għal dak enunċjat minn dan it-Tribunal f'diversi sentenzi ċitati mid-difensur tar-rikorrent fit-trattazzjoni orali tiegħu, f'dan il-każ il-Kummissarju intimat ma kellux għalfejn iħares oltre l-fedina penali tar-rikorrent. Dana għaliex l-ewwel u qabel kollox, kif ingħad iktar 'il fuq, hawn non si tratta ta' liċenzja biex wieħed jaħdem ta' gwardjan privat, kif kien il-każ tas-sentenzi ċitati, iżda hawn si tratta ta' liċenzja li tippermetti ż-żamma u l-użu ta' armi. Illi fl-opinjoni tat-Tribunal ma jistax isir tqabbil bejn liċenzja ta' gwardjan privat u l-liċenzja *de quo*.

Għaldaqstant, it-Tribunal iqis li l-Kummissarju intimat eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu b'mod raġjonevoli.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-appell tar-rikorrent u jilqa' r-risposta tal-Kummissarju intimat.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**